DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 75/2011

tal-1 ta' Lulju 2011

li temenda l-Anness IV (Enerġija) u l-Anness XXI (Statistika) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat mill-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn issa 'l quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness IV tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 7/2011 tal-1 ta' April 2011 ([1]).

(2) L-Anness XXI tal-Ftehim emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 58/2011 tal-20 ta' Mejju 2011 ([2]).

(3) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 844/2010 tal-20 ta' Settembru 2010 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1099/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istatistika dwar l-enerġija, fir-rigward tat-tfassil ta' ġabra ta' statistika annwali dwar in-nukleari u l-adattament tar-referenzi metodoloġiċi skont ir-Rev. 2 tan-NACE ([3]) għandu iġi inkorporat fil-Ftehim.

(4) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 849/2010 tas-27 ta' Settembru 2010 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2150/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunisll dwar l-istatistika tal-iskart ([4]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Dan li ġej għandu jiġi miżjud fil-punt 28 (ir-Regolament (KE) Nru 1099/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) tal-Anness IV mal-Ftehim:

", kif emendat permezz ta':

— **32010 R 0844**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 844/2010 tal-20 ta' Settembru 2010 (ĠU L 258, 30.9.2010, p. 1)."

Artikolu 2

L-Anness XXI tal-Ftehim għandu jiġi emendat kif ġej:

1. Dan li ġej għandu jiġi miżjud mal-punt 26a (ir-Regolament (KE) Nru 1099/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill):

", kif emendat permezz ta':

— **32010 R 0844**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 844/2010 tal-20 ta' Settembru 2010 (ĠU L 258, 30.9.2010, p. 1)."

2. L-inċiż li ġej għandu jiġi miżjud mal-punt 27 (ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2150/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsil):

"— **32010 R 0849**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 849/2010 tas-27 ta' Settembru 2010 (ĠU L 253, 28.9.2010, p. 2)."

Artikolu 3

It-testi tar-Regolamenti (UE) Nru 844/2010 u (UE) Nru 849/2010 fil-lingwa Islandiża u dik Norveġiża, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-2 ta' Lulju 2011, sakemm in-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ikunu saru lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE, u fis-Suppliment taż-ŻEE, ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, l-1 ta' Lulju 2011.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Kurt JÄGER

([1]) ĠU L 171, 30.6.2011, p. 1.
([2]) ĠU L 196, 28.7.2011, p. 41.
([3]) ĠU L 258, 30.9.2010, p. 1.
([4]) ĠU L 253, 28.9.2010, p. 2.

(*) L-ebda rekwiżiti kostituzzjonali ma huma indikati.